MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 433/2009/1

**Louis u Frank Borg**

**v.**

**Dottor Matthew Brincat u Roderick Vella fil-kwalita` taghhom rispettiva ta’ President u Segretarju tal-“Malta Racing Club”**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari:</u>**

Dan huwa appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Mejju, 2009 li permezz tieghu giet

michuda talba tar-rikorrenti Louis u Frank Borg biex il-proceduri minnhom istitwiti fl-ismijiet hawn fuq imsemmija jinstemghu bl-urgenza u bl-abbrevjament ossia abbrevjazzjoni tat-termini kontemplati mil-ligi u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 107[1] tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rikors ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju, 2009 li, flimkien mar-rikors dwar il-mertu, gie assenjat lill-Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, ir-rikorrenti Louis u Frank Borg kienu ssottomettew is-segwenti:

"Illi kontestwalment l-esponenti ntavolaw rikors guramentat fejn qeghdin jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tannulla decizjoni mehuda mill-konvenuti *nomine* fil-konfront ta' l-esponenti u taz-ziemel taghhom Iris du Louvet u dan ghar-ragunijiet esposti fl-istess rikors guramentat.

"Illi nhar l-4 ta' Mejju, 2009, l-esponenti ntavolaw rikors ghall-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuti *nomine* fejn talbu li l-konenuti jigu inibiti milli jipprocedu billi jaghmlu tigrijiet taz-zwiemel jew itellghu poloz sabiex isiru tigrijiet taz-zwiemel tal-klassi "*premier"* inkluz tal-*heats* tal-kampjonat tas-Societe' Du Cheval Francais;

"Illi b'digriet tal-5 ta' Mejju 2009, fuq rikors tal-istess konvenuti (*recte:* atturi) *nomine*, din l-Onorabbli Qorti abbrevjat it-termini stabbiliti mil-ligi u ordnat li l-mandat jinstema' b'urgenza minhabba c-cirkostanzi tal-kaz.

"Illi l-kawza odjerna timmerita li tinstema' b'urgenza wkoll u bl-abbrevjament tat-termini legali kontemplati mil-ligi *ai termini* tal-Art. 107 tal-Kap. 12 ghall-istess ragunijiet kif ukoll peress li fil-kampjonat u fil-klassi *premier* hemm diversi bhejjem involuti u fil-mori tal-kawza jvarjaw ir-*rankings* u kwindi l-klassifiki rispettivi, sew jekk il-kampjonat jitwaqqaf sew jekk jitkompla, u ghalhekk ic-cirkustanzi jkunu ghal kollox differenti mal-moghdija taz-

---

[1] Dana l-artikolu gie erroneament indikat, fir-rikors ghall-urgenza, bhala l-Art. 102.

zmien u dan kemm minhabba s-sahha u r-*rankings* tal-bhejjem.

“Ghaldaqstant, ghall-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisma’ din il-kawza b’urgenza u bl-abbrevjament tat-termini kontemplati mil-ligi u dan *ai termini* ta’ l-Art. 102 (*recte:* 107) tal-Kap. 12, taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni.”
Illi b’digriet moghti kameralment fit-8 ta’ Mejju, 2009, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi – li kien qed jiehu konjizzjoni tar-rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni – it-talba hawn fuq riportata (cioe` ghall-urgenza) giet michuda.

Ir-rikorrenti Louis u Frank Borg hassew ruhhom aggravati bid-digriet fuq imsemmi u ghalhekk b’rikors intavolat fil-11 ta’ Mejju, 2009 quddiem din il-Qorti talbu r-revoka tal-istess digriet tat-8 ta’ Mejju 2009 u talbu wkoll li din il-Qorti tordna li l-kawza tinstema’ b’urgenza, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati.

L-appellanti ressqu bazikament tlett aggravji kontra d-digriet imsemmi li, fir-rikors ta’ l-appell taghhom, gew sintetizzati bil-mod segwenti:

a) Illi l-Imhallef sedenti (cioe` l-Onor. Imhallef J. Azzopardi) ma kellux jiehu konjizzjoni tar-rikors ghall-urgenza stante li l-kawza ma gietx assenjata lilu;

b) Illi d-digriet huwa null stante li l-Qorti ta’ l-ewwel istanza ma harsitx id-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar id-digrieti interlokutorji u l-prolazzjoni taghhom;

c) Illi l-Qorti tal-prim istanza ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li wassalha sabiex cahdet ir-rikors.

Il-kontro-parti pprezentat risposta ghal dan l-appell fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li l-appell jigi michud.
**Ikkunsidrat:**

Huwa minnu li, kif qed jigi sottomess mill-appellanti, il-kawza dwar il-mertu li ggib Rikors numru 433/09 giet assenjata lill-Onor. Imhallef Joseph Zammit Mckeon filwaqt li r-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kien gie assenjat lill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi. Ghalhekk proprjament kien jispetta lill-Qorti sedenti l-Onor. Imhallef Joseph Zammit Mckeon li tipprovdi fuq ir-rikors ghall-urgenza billi kienet tkun dik il-Qorti sedenti l-imsemmi Imhallef Zammit McKeon li setghet tiddetermina jekk il-kaz li kien ingieb quddiemha kellux jinstema' bl-urgenza minhabba n-natura tal-kaz u b'hekk tqassar it-termini legali. Huwa ragionevolment mistenni li d-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti in forza ta' l-Artikolu 107 tal-Kap. 12 tigi ezercitata mill-Qorti li tkun ser tisma' l-mertu u mhux minn Qorti diversament presjeduta. F'dana l-kaz ma jirrizultax, per ezempju, li meta dahal ir-rikors ghall-urgenza l-Onor. Imhallef J. Zammit McKeon kien indispost jew imsiefer b'mod li kien qed jiehu hsieb l-atti tieghu Imhallef iehor.  B'dana kollu din il-Qorti ma tara ebda nullita` fid-digriet appellat billi fl-ewwel lok il-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn Imhallef u iehor izda biss taghmel referenza ghall-"Qorti", u fi kwalunkwe kaz huwa ovvju li l-Onor Imhallef  Joseph Azzopardi – li kien ha konjizzjoni tal-mertu tal-Mandat ta' Inibizzjoni u sahansitra ordna provizzorjament il-hrug ta' l-istess mandat, kien certament konxju tal-fatti li taw lok ghad-disgwid li kien hemm bejn il-partijiet u, wara li semgha lill-partijiet – dejjem fl-atti tal-Mandat, iddecieda li jirrevoka *contrario imperio* l-istess mandat. Kien ghalhekk pienament konsapevoli tal-fatti u seta' b'kull serenita` jiddisponi mit-talba kontenuta fir-rikors tas-7 ta' Mejju, 2009 ghall-urgenza.

**Ikkunsidrat:**

It-tieni aggravju jidher li huwa gustifikat. Kif gja` nghad id-digriet appellat gie moghti kameralment billi dik il-Qorti qalet biss li wara li "*rat ir-rikors, tichad it-talba.*"

L-Artkolu 229(2), li jghati dritt ta' appell minn digriet li ma jilqax talba ghall-urgenza (para. d), jipprovdi li "id-decizjoni tal-Qorti fil-kazijiet hawn taht imsemmija ghandha tinghata

permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuh fil-Qorti f'jum li jigi debitament notifikat lill-partijiet …". Barra minhekk hemm provdut fl-Artikolu 221(1) tal-Kap. 12 li "id-digrieti interlokutorji ghandhom jinghataw u jigu registrati kif imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu", mentri is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu jiddisponi li id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 218 (li jipprovdi li "fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut") jghoddu wkoll ghad-digrieti hawn fuq imsemmija, meta jista' jsir appell minnhom skond l-Artikolu 229. L-Artikolu 229(2) jipprovdi li jista' jsir appell, qabel is-sentenza definittiva, minn digriet li ma jilqax talba ghall-urgenza.

Minn dan jidher li l-appellanti huma gustifikati fl-ilment taghhom billi, ir-rikors tas-7 ta' Mejju, 2009 qatt ma gie notifikat lill-kontro-parti, gie degretat kameralment u mhux fil-miftuh, minghajr ma nghatat data ta' meta kellu jigi pronunzjat, u ma nghatat ebda raguni li tiggustifika d-decizjoni. Dak id-digriet ghalhekk ghandu jigi annullat.

**Ikkunsidrat:**

It-tielet aggravju jitkellem dwar apprezzament tal-fatti billi qed jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li wassalha sabiex tichad ir-rikors. Dwar dan l-ilment din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tal-proceduri ma jkunx xieraq li din il-Qorti tezamina l-fatti billi, kif sejra tipprovdi, l-atti ser jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti, kif preseduta mill-Imhallef li qed jikkonsidra l-mertu proprju tal-kaz, tiddeciedi a tenur ta' l-Artkolu 107 tal-Kap. 12 jekk hemm ragunijiet validi biex tordna li tqassar iz-zminijiet legali.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell interpost mir-rikorrenti Louis u Frank Borg billi tilqghu in parti billi tiddikjara null id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Mejju, 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi, izda tastjeni milli tipprovdi fuq it-tieni talba kontenuta fl-imsemmi rikors u b'hekk mhux ser tordna li l-

kawza tinstema' bl-urgenza billi dan il-punt ghandu jigi determinat mill-Qorti li tkun qed tisma' l-istess kawza, u konsegwentement tirrimetti l-atti quddiem il-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tar-Rikors numru 433/09 sabiex dik il-Qorti tiddisponi mit-talba kontenuta fir-rikors ta' Louis u Frank Borg tas-7 ta' Mejju 2009 u dana a tenur ta' dak li nghad hawn fuq. L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------